MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Numru 798/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexandra Mamo**
**V**

**PIERRE WILLIAM BUONTEMPO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PIERRE WILLIAM BUONTEMPO** ta’ disgha w ghoxrin sena bin Mario u Dorothy nee Moran, imwieled H'Attard nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 1970 u joqghod 'Villa Violetta' Old Railway Track, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita` numru 311370M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel

titwemmen l-esiztenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn tletin elf lira maltin ghad-dannu ta' Wilfred Buttigieg, Joe Grima, Nazzareno Seguna u persuni ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa ta' Mejju 2000 kif jirrizulta a fol 56 tal-atti.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta nhar l-hdax ta' Dicembru 2001 kif jirrizulta mill-verbal a fol 355 tal-atti odjerni.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat presentata nhar t-tliet ta' Mejju 2004 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile ppresentata nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2004 kif wkoll in-nota ta' referenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.
Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2000 **xehdet l-Ufficjal Prosekutur Supretendent Alexandra Mamo** kif jirrizulta a fol 15 et seq tal-atti fejn qalet li hija giet mitluba sabiex tinvestiga kaz t'allegat frodi allegatament kommess mill-imputat ghad-dannu ta' Joe Grima, Wilfred Buttigieg u Nazzareno Seguna. Minn investigazzjoni preliminari rrizulta li Gwido Grima kien jahdem ma l-imputat fl-agenzija tal-ivvjaggar tieghu bl-isem Buontempo Tours bhala book keeper filwaqt li kien jokkupa l-kariga ta' assistant manager mal-Bank of Valletta fil-branka ta' Preluna Towers f'Tas Sliema. F'xi zmien l-imputat wera x-xewqa li jottjeni loan minghand l-Bank of Valletta in konnessjoni max-xoghol tieghu. Huwa kien ser jaghmel tajjeb bhala garanzija ghal hrug ta' dan il-loan permezz ta' artijiet li allegatament kellu x-Xemxija. Gara li Gwido Grima hareg xi flus mill-bank bhala advance payment u l-bank gie skopert u ghalhekk huwa dar fuq Joe Grima, Nazzareno Seguna u Wilfred Buttigieg biex jaghtuh s-

somma flus li huwa kien silef lil imputat bhala advance payment mill-flejjes tal-bank biex b'hekk huwa ma jibqghax skopert mal-bank. Gwido Grima kien uza l-flejjes li hareg mill-bank ghan-nom tal-istess imputat sabiex jhallas xi dejn li l-istess imputat kellu ma lukandi barra minn Malta. Meta hija tkellmet ma Joe Grima, Nazzareno Seguna u Wilfred Buttigieg u dawn ilkoll qalulu li huma hargu l-flus fuq il-pretiza li l-imputat kellu proprjeta x-Xemxija li setghet taghmel tajjeb ghal dan is-self.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2000 **xehed Wilfred Buttigieg** kif jirrizulta a fol 24 et seq tal-atti fejn qal li huwa mizzewweg lil oht il-mara ta' Gwido Grima. Qal li <u>direttament lil imputat ma jafux,</u> jafu biss indirettament ghaliex fit-tnejn u ghoxrin ta' Settembru 1998, Gwido Grima kien infurmah li kellu bzonn jissellef is-somma ta' sbatax il-elf lira dwar xi negozju li huwa kellu mal-imputat fuq xi artijiet gewwa x-Xemxija. Stqarr li huwa kien effettivament sellfu din is-somma fuq s-semplici kelma tieghu billi irtira dak l-ammont mill-kont tieghu mal-Bank of Valletta [vide dokument CSH]. Qal wkoll li kien hareg din is-somma flus fuq il-pretiza li Gwido Grima kien ser jhallsu lura fi zmien tlett gimghat u li bihom Gwido Grima kellu suppost jhallas xi bolol ghax-xiri ta' proprjeta fix-Xemxija. Wara sar jaf li Gwido Grima uza dawn il-flus biex jaghmel xi pagamenti ghal imputat pero meta huwa mar fl-uffcju tal-imputat u staqsih ghal flus, <u>l-imputat qallu li ma kienx jafu u fil-fatt kien cempel lil Gwido Grima qudiemu stess u qallu "*Hawn xi bniedem qed jitolbu l-flus*.</u>"

Illi nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2000 **xehed Joseph Grima** kif jirrizulta a fol 34 et seq tal-atti fejn qal li huwa mizzewweg lil ohtha Wilfred Buttigieg u jokkupa l-kariga ta' Kap ta' skola. Misatoqsi jekk jafx lil imptuat huwa wiegeb fl-affermattiv billi qal li huh Gwido kien introducih lilu bil-ghan li jghinu jiddisposni minn xi art x-Xemxija. Talbu biex jarhom u effettivament kien hadu jarhom u allegatament kienu xi ghelieqi faccata tal-Beach Haven. Staqsih x'kienet ser tkun il-kummissjoni tieghu u qallu li kien ser jaghtih bicca art zghira. Gara pero li huma u sejrin lura, l-imputat qallu li kellu xi problema biex jhallas il-bolol ta' ghoxrin elf lira maltin fuq dawn l-artijiet. Dan

Joseph Grima qallu li ma kellux minn fejn u ressaqlu lil Nazzareno Seguna.  Nazzareno Seguna ried jara l-artijiet u huwa akkumpanja lil Nazzareno Seguna fuq l-istess artijiet li kienu gew murija lilu lejliet mill-imputat u kien wasal fi ftehim li Nazzareno Seguna kien ser johrog is-somma ta' erbatax il-elf lira maltin waqt li huwa kien ser johrog is-somma ta' sitt elef lira maltin.  Joseph Grima ta s-somma ta' ghoxrin elf lira maltin lil imputat billi ghamel bank transfer mill-kont li huwa ghandu ma martu Monica Grima fl-ammont ta' ghoxrin elf lira maltin ghal kont tieghu [vide dokument CSH 8] u dan wara li Nazzareno Seguna kien tah s-somma ta' erbatax il-elf lira maltin.  Wara huwa mar flimkien ma Nazzareno Seguna u Gwido Grima hdejn il-café ta' Preluna Towers w informa lil imputat li kienet diga giet trasferita s-somma ta' ghoxrin elf lira maltin fil-kont tieghu.  Nazzareno Seguna staqsa x'kellu biex jaghmel tajjeb ta' dan u Nazzareno Seguna gie mghoddi cekk fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf lira maltin mahrug favur is-socjeta Central Company Limited fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf lira maltin, liema cekk kien iffirmat mill-imputat u Reuben Buontempo [dokument CSH 9].  Ix-xhud kompla jghid pero li kien jaf li dan il-kont ma kellux flus go fih ghaliex l-imputat qallu li kellu jinfurmah tlett ijiem qabel ma kien ser jiddepositah sabiex huwa ikun jista jpoggi flus fil-kont tieghu.  Mistoqsi x'kien ser jaghmel minn dan il-bejgh, wiegeb li kien ser jaqla commission. Jelabora u jghid li l-imputat kien ghaddielu l-pjanti tal-artijiet in kwistjoni dokument CSH 10.  Wara certu zmien sab il-bejgh taghhom lil certu Leli ta' Forth Blocks pero dan tal-ahhar infurmah li l-artijiet ma kienux tal-imputat u ghalhekk beda jahseb hazin u ried flusu lura.  Huwa ghamel diversi appuntamenti ghand in-Nutar pero l-imputat qatt ma mar.

Illi nhar l-ghaxra ta' April 2000 **xehed Nazzareno Seguna** kif jirrizulta a fol 41 et seq tal-atti fejn ikkonferma li huwa kien iltaqa mal-imputat hdejn il-Preluna Towers, wara li kien ta s-somma ta' erbatax il-elf lira lil Joe Grima ghaliex kien ser jixtri bicca art x-Xemxija.  Huwa kien mar lejliet ma Joe Grima jara l-art in vendita x-Xemxija, waqt li kienu qed jiehdu café il-Preluna, l-imputat wrieh xi prokura li kellu dwar dan il-bejgh.  Fil-fatt kien talbu biex jressaqlu xi

nies biex ibiegh din l-art. Ikkonferma wkoll li l-imputat tah cekk fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf lira maltin [domkument CSH 9]. Meta ghadda certu zmien u flusu ma hadhomx lura, huwa ghadda c-cekk lil Gwido Grima, pogga n-numru tal-karta tal-identita tieghu fuq wara u cioe in-numru 183453, u talbu jsarrafulu, izda dan Gwido Grima qallu li flus fil-kont ma kienx hemm u ghalhekk ma hax flusu lura. Ikkonferma wkoll li appuntament mal-imputat biex jiltaqghu ghand in-Nutar kien ghamlu izda l-imputat qatt ma zamm l-apputnamenti. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-imputat ma kellux flus fil-kont ix-xhud wiegeb li l-ahwa Gwido u Joe Grima qalulu li c-cekk setgha jissarraf wara ftit ta' zmien.

Illi nhar l-ghaxra ta' April 2000 **xehed Gwido Grima** kif jirrizulta a fol 47 et seq tal-atti fejn qal li huwa jokkupa l-kariga ta' bank secretary mal-Bank of Valletta pero jaghmel xi xoghol ta' book keeping mal-agenzjija tal-ivvjaggar tieghu. F'April 1998 l-imputat kien qallu li kellu bzonn xi flus biex jtellgha xi nies Lourdes biex jhallas l-fatturi dwar il-lukandi u dan in konnessjoni max-xoghol tieghu tas-Central Travel Company Limited. Huwa ghalhekk hareg advance payment ta' dsatax il-elf lira maltin ghal imputat. huwa ghalhekk beda jinkwieta u talab lil huh Joe biex jghinu jhallas il-bank sabiex ma jkun skopert. Iltaqghu flimkien hu, huh u l-imputat u l-imputat qallu li kellu xi artijiet ta' Paul Agius ix-Xemxija pero kellu l-prokura dwarhom u li kien ser jbieghom u jhallsu lura sa Gunju cioe zmien xaghrejn. Ghalhekk Joe Grima qallu li kien ser jghinu billi huwa johrog sitt elef lira maltin u Nazzareno Seguna johrog il-bilanc ta' erbatax il-elf lira maltin. Iltaqghu kollha l-ghada u raw l-artijiet hdejn il-Preluna u bdew jitkellmu fuq il-kwistjoni pendenti. Nazzareno Seguna ried xi haga bil-miktub biex jaghmel tajjeb ghal dan is-self u l-imputat, flimkien ma huh Reuben, issuggerew li jaghtih cekk fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf lira maltin mahrug fuq il-kont tas-socjeta taghhom Central Travel Company Limited. Huwa beda jlaqqa lil imputat ma xi negozjanti biex isir il-bejgh tal-artijiet pero n-negozju qatt ma sar. Jghid li kien jaf li l-art ma kienetx tal-imputat izda ta' Paul Agius pero l-imputat kien qallu li kien il-prokuratur tieghu u ghalhekk setgha

jbiegh.  Qal wkoll li f'okkazzjoni ohra huwa kien issellef is-somma ta' sbatax il-elf lira maltin minghand Wilfred Buttigieg biex jhallas id-dejn li l-imputat kellu mal-bank pero huwa ma laqqghax lil Wilfred Buttigieg mal-imputat, assuma d-dejn hu.  Huwa wasal li ghamel hekk ghaliex kien hareg bank draft u kien gie skopert mal-bank.

Illi nhar d-dsatax ta' Ottubru 2000 **xehed David Attard** kif jirrizulta a fol 142 et seq tal-atti fejn qal li hu jahdem bhal firmatarju tal-Bank of Valletta.  Mistoqsi jekk jafx lil imputat, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.  Huwa esibixxa tnejn u hamsin bank drafts li gew mahruga fuq domanda tas-socjeta Central Travel Company Limited lil terzi pesuni u dan tul il-perjodu tas-sena 1998.  <u>Dawn **kollha** gew awtorizzati minn Gwido Grima, kif **wkoll gew iffirmati** minnu</u>.
Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2001 **xehdet Dottor Audrey Vassallo** kif jirrizulta a fol 252 tal-atti fejn qalet ikkonfermat li fit-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2000, l-imputat kien mar ma certu Paul Agius fid-Dipartiment tal-Land Registration u dan peress li Paul Agius ried jdahhal xi applikazzjonijiet dwar xi artijiet fix-Xemxija pero kellhom bzonn xi dokumenti ohra dwar provenjenza u l-applikazzjonijiet tieghu kienu gew rifjutati.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

L-aggravju tal-imputat huwa wiehed semplici; hu jghid li l-fatti kif jirrizultaw ma jwasslux ghar-reat ta' truffa [artikolu 308] izda dak li jirrizulta kien semplicement li sar n-negozju w huwa kien ghaddej minn diffikultajiet finanzjarji u ghalhekk issellef xi flus pero ma rnexxilux jonora l-impenji finanzjarji li kien assuma bl-ghajnuna ta' Gwido Grima.

Kif il-***Qorti tal-Appell Kriminali*** kellha l-okkazzjoni li tfisser fis-***sentenza taghha tal-ghoxrin ta' Gunju 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuele Ellul**, fil-ligi taghna, element essenzjali ghal kostituzzjoni ta' reat ta' truffa hija l-*mise en scene*, cioe dawk l-"artificji" jew "raggiri" idoneji li jinducu u li effettivament ikunu inducew lil vittma fi zball - l-ingann - u li b'konsegwenza <u>ta' dak l-izball</u>, il-vittma

taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent.

Kif jispjiega l-gurista Taljan **Francesco Antolisei** b'*artifizio*' wiehed ghandu jifhem:

*"… Ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni comuffamento della realta effettiva sia simultata cioe che non esiste [per es. ricchezza, titoli, nome, qualita, ecc.] sia dissimulando, vale a dire, nascondando cio' che esiste [per es. il proprio stato di insolvenza, di persona coniugata o inabitat, l'uso di una determinata cosa ecc.].* [Manuale di Diritto Penale - Parte Speciale 1 - Guffre (Milano) 1986 - pg. 295.]

**L-istess awtur jiddefinixxi ir-'raggir'** bil-mod segwenti:

*"Il raggiro … e' un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere; piu precizamente uno menzogne corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita." [ibid]*

Il-Ligi taghna ma tirrekjedix li l-messa in xena, cioe li dawn l-artifizji jew raggiri jkunu xi haga komplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm s-sitwazzjoni ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta m'ghandix. Hekk, per ezempju, meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragjonevolment kien jaf li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom kontemplati.

Pero kif inghad, element essenzjali iehor tar-reat in desamina huwa t-telf patrimonjali li garrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghal agent, liema telf u qligh jkunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. Infatti, it-truffa kommessa tigi mqabbla mas-serq u mal-approprijazzjoni

indebita bid-differenza bejn t-tlett reati konsistenti fil-mod ta' kif isir t-telf u korrispondent qligh.

**Fi kliem l-awtur appena citat:**

*"Nella truffa, l'agente mediante artifizi o raggiri, riesce ad attenere che la vittma si danneggi da se, consegni una cosa, assuma un'obbligazione, rinunzi ad un diritto, ecc. compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri."* [op. Cit. pg. 293]

Fi-sentenza moghtija mill-***Qorti Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 1995*** fl-ismijiet **Rex v Victoria Azzopardi** [vol XXIV - IV - pg. 398] dik il-Qorti citat estensivament minn Chaveau et Helie u anke minn sentenzi tal-Qorti ta' Cassazzjoni ta' Parigi biex tispjiega li hu necessarju biex ikun hemm r-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu grawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li jqajjmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. F'dik il-kawza ssemmiet wkoll is-sentenza **Regina v Giuseppe Galea *tat-tnax ta' Mejju 1887*** fejn gie stabbilit li:

*"Chi per costituire la frode sotto la disposizione di quel articolo 282* [illum 308]*, non e' necessario la concorrenza di ambedue i mezzi menzionati nell'atto di accuse essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'ezistenza di un credito immaginario anche senza un artifizio contrario ai regolamenti."*

Dwar l-artifizji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna. L-***Imhallef William Harding*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nikol Bonnici** datata ***sebgha w ghoxrin ta' Mejju 1944***, qal:

*"Il-Qorti ta' isfel fis-sentenza taghha, waslet ghal konkluzzjoni illi hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309* [illum 308] *li dak il-kliem ikun akkumpanjat minn*

*apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-meriti tal-persuna ffrodata."*

Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza tal-***Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar t-tnejn ta' Jannar 1986*** fl-ismijiet **Regina v Francesco Cachia u Charles Beck**, li fiha ntqal:

*"Quel articolo non richiede solamente una asserzione mensoniera e falza, ma richiede in oltre, che siano state impiegate inganno, raggire o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

Fil-fehma ta' din il-Qorti, kwantu jirrigwarda l-element formali cioe kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan r-reat, jinghad li jrid ikun hemm qabel xejn, l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profitt ingust tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' April 1956*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Gerald Portelli**, fejn jinghad li:

*"L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kap 9 fejn il-kliem 'bi hsara ta' haddiehor' ma jhallix dubbju dwar dan. Jigifieri, biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu, ikun konxju tal-ingustizzja tal-frofitt u b'dan il-mod il-legittima produttiva tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Issa, f'dan il-kaz, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni tal-fatt, izda il-kontestazzjoni qeghda fuq l-interpretazzjoni li din il-Qorti ghandha taghti ghal fatti rizultanti tal-kaz, jekk jammontawx ghal agir frawdolenti da parti tal-imputat jew jekk hiex kwistjoni ta' dejn civili.

Kif tajjeb issottolineat d-Difiza, l-kwistjoni odjerna tittratta dwar zewg sitwazzjonijiet ta' self ta' flus: wahda maghmula minn Wilfred Buttigieg u l-ohra maghmula minn

Joseph Grima u Nazzareno Grima, pero c-cirkostanzi ta' dawn iz-zewg avvanzi, ma humiex l-istess.

Dwar l-ewwel avvanz, u cioe dik maghmula minn Wilfred Buttigieg, il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tieghu stess, meta huwa suppost huwa il-vittma li gie, fil-fehma tal-Prosekuzzjoni, iffrodat mill-imputat.

Wilfred Buttigieg nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2000 kif jirrizulta a fol 24 tal-atti, jghid hekk "*Jien lil imputat direttament ma nafux. Nafu biss indirettament u ghaliex niftakar li fit-tnejn u ghoxrin ta' Settembru 1998 Gwido Grima, kien infurani li kellu bzonn jissellef is-somma ta' sbatax il-elf lira maltin u meta staqsejtu ghaliex riedhom dawn il-flejjes, qalli li huwa kellu xi negozju ma Pierre Buontempo, rigward xi artijiet gewwa x-Xemxija… jien tajtu* [lil Grima] *dik is-somma flus ta' sbatax il-elf lir amaltin semplicement fuq kelma tieghu.*"

Anke Gwido Grima fix-xhieda tieghu a fol 52, jghid "*Jien lil Wilfred Buttigieg, ghalkemm issellift sbatax il-elf lira minghandu biex naghmel tajjeb ghad-dejn ta' Pierre Buontempo, jien ma dehrilx li kelli ghalfejn inlaqqghu mieghu u ghalhekk Wilfred Buttigieg m'iltaqghax ma Pierre Buontempo.*"

Illi ghalkemm jirrizulta car u manifest li l-imputat qatt ma kellu relazzjoni guridika ma dan Wilfred Buttigieg u li semmai, jekk hass li gie defrodat, dan gie defrodat minn Gwido Grima ghaliex ma hux veru li kien qed jinnegozja xi artijiet.

Il-Qorti tistghageb kif il-Prosekuzzjoni takkuza bniedem fuq akkuza serja bhal ma hija din ta' frodi fuq provi bhal dawn ghaliex kien mill-bidu nett li rrizulta li l-imputat ma kellu xejn x'jaqsam fit-trattat mieghu.  Issa veru jista jirrizulta li l-flus gew akkreditati lejn il-kont tas-socjeta tal-imputat u li kien hu li fl-ahhar iggwadanja pero dan il-gwadan ma jammontax ghar-reat ta' frodi.

Dwar t-tieni xenarju u cioe frodi maghmul minn Joseph Grima u Nazzareno Seguna, il-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x'taghmel:

a. Kien Gwido Grima li talab lil Joseph Grima jsellef flus lil imputat u kien l-istess Joseph Grima li mbaghad sab lil Nazzareno Seguna biex wkoll jaghmel xi avvanz;

b. Illi l-istess Joseph Grima u Nazzareno Seguna iddecidew li jsellfu s-somma ta' ghoxrin elf lira maltin lil imputat qabel ma effettivament iltaqghu mal-imputat madwar mejda. Joseph Grima kien lest li jsellfu s-somma ta' sitt elef lira maltin filwaqt li Nazzareno Seguna kien lest li jsellfu s-somma ta' erbatax il-elf lira maltin;

c. Tant hu hekk li marru l-bank flimkien, iltaqghu ma Gwido Grima u ghamlu bank transfer ta' ghoxrin elef lira maltin veru l-kont tal-imputat;

d. Kien wara li lahaq sar t-transfer li marru jiltaqghu mal-imputat f'café f'Tas Sliema;

e. Kien f'dan il-hin li Nazzareno Seguna talab ghal xi garanzija u l-imputat ghaddielu cekk mahrug fuq is-socjeta Central Company Limited ghall-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf lira maltin, pero dan ic-cekk ma kellux data u l-imputat qalilhom li ma setghux jiddepositawh u li kellhom jinfurmawh tlett ijiem qabel biex huwa jipprovdi l-flus ghalih. Nazzareno Seguna u Gwido Grima pero ma hargux il-flus, a bazi ta' dan ic-ekk, l-avvanz taghhom hareg a bazi tal-kliem li kellhom ma Gwido Grima;

f. Dwar l-art ix-Xemxija jirrizulta, almeno prima facie, li certu Paul Agius kellu xi artijiet ix-Xemxija u li l-imputat kellu il-prokura taghhom sabiex jiddisponi minn tali art [vide fol 412 dokument X3]. Ghalhekk meta l-imputat qal lil Gwido Grima sabiex jghinu jbiegh dawn l-artijiet, ma kienx qed jghid il-falz ghaliex veru kienu jezistu u Gwido Grima wkoll jammetti li l-imputat qallu li ma kienux tieghu [vide fol 51]. Illi ma hux minnu dak li allega Nazzareno Seguna fin-nota tieghu li l-art ma kienetx tezisti jew ahjar li kienet appartjeni lil terzi, ghaliex effettivament kif stqarret Doctor Audrey Vassallo tal-Land Registry, l-imputat kien mar flimkien ma Paul Agius biex jaghmlu xi applikazzjonijiet u dawn gew rifjutati. Illi

ghalhekk semmai, jekk kien hemm xi impediment legali ghar-registrazzjoni ta' dawn l-artijiet, dawn gew wara li sar l-avvanz u mhux qabel. Ma jirrizultax li l-avvanz sar a bazi ta' din l-art.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputat wera xi messa in scena biex b'hekk l-imsemmija Nazzareno Seguna u Joseph Grima ttrasferew flushom f'idejn l-imputat. Ma kien hemm ebda raggir jew artifiz li wassalhom sabiex jiddisponu minn gidhom [vide **Il-Pulizija v Emanuel Ellul** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Gunju 1997***]. Li gara f'dan il-kaz hu li Joseph Grima, Nazzareno Seguna u Wilfred Buttigieg, ilkoll qaghdu fuq il-kelma ta' Gwido Grima li in realta mexa b'mod skorrett u zleali lejn il-Bank u sabiex jghinuh ikopri l-izbalji li ghamel.

Illi Nazzareno Seguna u Joseph Grima hargu l-flus fuq dak li qalilhom Gwido Grima. Kien Gwido Grima li kien zleali lejhom ghaliex ma qallhomx li l-imputat kellu problemi finanzjarji u dwar dan huwa kien ben edott mill-fatti. Qallhom biss bil-kwistjoni tal-proprjeta tax-Xemxija.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddecidi li ma ssibx lil imputat PIERRE WILLIAM BUONTEMPO hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------